# LECTIO DIVINA

## Il-V Ħadd tal-Għid

Sena B

## Ġw 15:1-8

**Kuntest:**

Id-dielja tissimboleġġja l-predilezzjoni ta' Alla lejn l-poplu tiegħu, imxebbah ma' għalqa tad-dwieli. Alla juri mħabba, kura, tenerezza, ħlewwa. Hu jibqa' jħobb minkejja t-tradimenti u l-infedeltajiet tal-poplu tiegħu (Ħos 10:1-13; Salm 80).

Id-dielja hi waħda mis-siġar tal-art tal-wegħda. Kristu jsir l-għanqud tal-għeneb (ara Num 13:23) li jingħasar fis-sagrifiċċju ewkaristiku biex minnu jixrob kull min hu bil-għatx (Ġw 4:14). L-inbid "li jferraħ qalb il-bniedem" (Salm 104:15; Mħal 9:13) hu dak l-istess inbid "ġdid" ta' Kana, li jfawwar mill-ġarar tal-festa u jimla "bil-hena u l-ferħ għal dejjem" (Bar 4:23).

Bil-metafora tad-dielja, l-evanġelista Ġw jitkellem dwar l-għaqda profonda u intima li sseħħ bejn Ġesù u dawk li jemmnu fih, iħobbuh u jwettqu kelmtu. Dan il-kliem ta' Ġesù jinsab fil-qalba tad-Diskorsi tat-Tluq, li Ġw jqegħedhom fil-kuntest tal-Aħħar Ikla, kif naraw minn kapitlu 13 'il quddiem. Ir-rabta bejn l-Aħħar Ikla u l-metafora tad-dielja – li minnha jsir l-inbid – jindirizzaw il-ħsieb u l-qalb tagħna lejn l-Ewkaristija. Kif naraw fid-diskors ewkaristiku ta' Ġw 6, hemm inabitazzjoni reċiproka bejn Kristu u d-dixxiplu: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih. Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija." (Ġw 6:56-57)

Ġesù jsejħilna biex "nibqgħu fih" – espressjoni tipika ta' Ġw li tindika relazzjonijiet intimi u affettivi. Magħqudin miegħu, aħna nirċievu l-istess ħajja tiegħu, għax mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn (Ġw 15:5). Nifhmu għaliex, għalhekk, jeħtieġ noqogħdu ta' spiss f'riġlejn il-Mulej u nagħżlu "is-sehem it-tajjeb", biex ninterjorizzaw aktar din il-verità tas-sejħa li l-Mulej qed jagħmlilna. Hu jħobbna! Biex inħobbuh irridu nidħlu f'għaqda ta' mħabba miegħu. Kull darba li aħna nagħmlu t-"tifkira tiegħu", aħna msejħin ningħaqdu aktar mal-Imgħallem tagħna, biex il-ħajja tiegħu tkun fina, u biex aħna nkunu fiH.

**(Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu) 1"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. 2Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar.**

L-espressjoni "Jiena hu" mhix biss espressjoni verbali, imma timplika l-"Jiena hu" divin. Fi Ġw hi preżenti ħafna: il-"Jiena hu" hu l-ħobż (Ġw 6), id-dawl (Ġw 8), il-bieb u r-ragħaj (Ġw 10), il-qawmien u l-ħajja (Ġw 11), it-triq, is-sewwa u l-ħajja (Ġw 14). Issa Ġesù jistqarr li hu d-dielja vera, dik li tagħti l-frott it-tajjeb, l-inbid tal-ferħ.

Il-friegħi tad-dielja għandhom l-għan li jagħmlu l-frott. Id-dielja tista' tagħmel il-frott propju għax għandha friegħi ħajjin. F'għaqda mal-Iben, aħna nsiru l-poplu ġdid tiegħu, ulied il-Missier, għalqa tad-dwieli li tagħti l-frott. Ġesù ma sejjaħx id-dixxipli biex jifforma grupp magħluq, ristrett, jew privileġġjat. Aħna ġejna magħżula biex Hu, id-dielja vera, jibgħatna ħalli Hu jkun jista' jagħmel il-frott fi qlub il-bnedmin. Il-ħidma biex isir il-frott hi l-imħabba li tingħata għall-oħrajn, il-ħabba tal-qamħ li taqa' fl-art u tmut biex tagħmel kotra ta' frott (Ġw 12:24). Il-frott hu l-ħajja ġdida tal-bniedem il-ġdid li jiltaqa' ma' Kristu u jilqgħu f'ħajtu.

Il-fergħa ma tagħmilx frott jekk ma tikkorrispondix mal-ħajja li d-Dielja tgħaddilha. Meta jkun hemm trombosi f'xi parti tal-ġisem, id-demm ma jibqax għaddej , b'riskji serji għall-pazjent. Biex nagħmlu għeneb tajjeb minflok għeneb qares (Is 5:4), irridu nħallu lill-Missier jikkurana fejn għandna *blockages*, fejn mhux għaddej id-demm. Il-frott hu konsegwenza tar-rabta tagħna ma' Kristu u tal-azzjoni tiegħu fina li tnaddafna. Dan jitlob minnha li nħarsu b'umiltà u verità lejn l-istorja ta' ħajjitna, anke ta' issa, biex naraw il-friegħi morda jew dgħajfa fina, biex naraw fejn għandna *blood clots* li qed ifixklu l-ħajja ta' Kristu fina.

Il-friegħi tajba jiġu miżbura biex jagħmlu frott tajjeb. Hu meħtieġ ukoll sforz sinċier u ġenwin biex inħallu l-"bidwi" jaħdem fina u magħna. Jeħtieġ jiżborna jekk irridu nagħtu frott tajjeb 'il quddiem. Is-seminarju hu propju dan iż-żmien fejn nikkollaboraw mal-grazzja ta' Alla u mal-Knisja biex fina u magħna jsir ix-xogħol li l-bidwi jagħmel mad-dielja. Jekk nirreżistu ż-żabra, ma nistgħux nagħmlu frott.

It-teoriji psikoloġiċi tal-iżvilupp konjittiv jitkellmu minn *synaptic pruning*. Dan hu proċess li jseħħ fil-moħħ (*brain*) bejn it-tfulija u l-pubertà. B'mod issemplifikat, "Synaptic pruning refers to the process by which extra neurons and synaptic connections are eliminated in order to increase the efficiency of neuronal transmissions" (*Encyclopedia of Child Behavior and Development*, 2011). Jekk il-moħħ jinżabar biex jissaħħaħ, anke l-qalb tieħtieġ iż-żabra. Ilkoll nafu kif jinżabru d-dwieli biex is-sena ta' wara jagħtu l-frott! Iż-żabra hi doloruża, imma hi meħtieġa biex aħna nikbru, nissaħħu u nimmaturaw, biex inħallu spazju lil Alla jagħtina mħabbtu. Jekk aħna friegħi tad-dielja, aħna m'aħniex tagħna nfusna! Ma nistgħux weħidna niffurmaw lilna nfusna. Jekk aħna parti mill-għalqa tad-dwieli, aħna ma nistgħux naħdmu u naġixxu għal rasna.

Ġesù jgħid li nistgħu nkunu fih bla ma nagħtu frott! Min ma jinżabarx – min jaħseb li hu perfett, min jaħseb li m'għandux bżonn għajnuna, min jippretendi li qed jaħdem fuqu nnifsu imma minn barra biss, min jgħix bl-apparenzi, min jgħaddi ż-żmien bħall-werżieq u mhux bħan-nemla, min jevita t-tbatija u l-morr, min jagħżel wisq kumdità... – la jikber u lanqas jista' jagħmel frott (ara Ġer 2:21; Eżek 19:10-14). Bil-maqlub, jekk inħallu lil min jiżborna bl-imħabba, anke jekk inweġġgħu – għax l-azzjoni taż-żbir hi waħda vjolenti, – allura nikbru u nagħtu l-istess frott tad-Dielja.

> *"Return to me" — says the Lord — "return with all your heart": not only with a few outward deeds, but from the depths of our selves. Indeed, Jesus calls us to live prayer, charity and penance with consistency and authenticity, overcoming hypocrisy. May Lent be a beneficial time to "prune" falseness, worldliness, indifference: so as not to think that everything is fine if I am fine; so as to understand that what counts is not approval, the search for success or consensus, but the cleansing of the heart and of life; so as to find again our Christian identity, namely, the love that serves, not the selfishness that serves us.* (Francis, Homily, Ash Wednesday, 10 February 2016)
>
> *Discorso difficile, quello della potatura. L'operazione dolorosa non viene risparmiata a nessuno. Precisamente chi porta già frutto viene sottoposto alla potatura, perché possa dare di più: ogni tralcio che porta frutto lo pota, perché porti più frutto. Le prove, gli ostacoli, le persecuzioni, le croci non le scelgo da me, né arrivano quando le prevedo io e «da dove» mi aspetterei. Il Padre mio, il vignaiolo, ogni tralcio che porta frutto lo pota, dice Gesù. «Le mani di Dio sono mani ora di grazia ora di dolore, ma sono sempre mani di amore» (Dietrich Bonhoeffer).* (Card. Silvio Piovanelli)

**3 Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom.**

Id-dixxiplu diġà ġie maħsul u mnaddaf bil-ħasil tal-magħmudija (1 Piet 3:21), imma jeħtieġ li kontinwament jibqa' jiġi ppurifikat minn Kristu (Ġw 13:4-10). Aħna fi proċess ta' formazzjoni, li jibqa' ħajjitna kollha. Il-Vanġelu jgħidilna li l-Kelma għandha l-qawwa li tnaddafna u ssaffina (Is 6:1-8), għax il-kelma ta' Alla hi "ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed

sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullu;, u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb" (Lhud 4:12); Il-Missier iħobbna, u għax iħobbna jrid "isebbaħna", bħalma sebbaħ lill-Iben tiegħu... fuq is-salib (Ġw 12:18; 17:1). Meta l-Kelma mismugħa mill-widna tmiss il-qalb, hi topera fina bidla (Atti 2:37), għax hi "tneżżagħna" mill-għabra li takkumula fuqna maż-żmien; hi bħal eżorċiżmu li jeħlisna mill-ġideb dwarna nfusna.

**4 Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom.**
Fi spazju ta' erba' versi, niltaqgħu tmin darbiet mal-verb "tibqa' fih"! Il-verb "tibqa'" hu verb ta' permanenza, ta' preżenza, u ta' identità: juri min jien bħala bniedem u bħala Kristjan. Juri min jien bħala dixxiplu u bħala saċerdot. Hu l-oppost tal-verb "timxi", li juri moviment, direzzjoni, jgħidilna fejn irridu naslu. Imma t-tnejn flimkien jiddeskrivu d-dixxiplu tal-Imgħallem. Id-dixxiplu hu msejjaħ biex jibqa' mal-Mulej u fl-istess ħin jintbagħat (Mk 3:14). Aħna dixxipli-missjunarji fl-istess ħin (*EG* 120).

Li nibqgħu f'Ġesù jfisser li aħna niġi aktar konxji tal-imħabba tiegħu għalina, dik l-imħabba li tħaddanna dawramejt u li sawritna u nisġitna fil-ġewwieni tal-ġuf (Salm 139:5.13). Ifisser nagħrfu li hu jgħammar fina għax "l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5). Li nibqgħu fih ifisser li nittallbu l-Ispirtu tal-Mulej biex jakkumpanjana fil-mixja tal-formazzjoni tagħna sabiex nagħrfu niddixxernu u nagħżlu dak li jogħġob lil Alla (Għerf 9:10). Ifisser li nikbru fil-għerf li ma jiġix biss mill-kotba imma mill-imħabba frott l-intimità mal-Mulej ("affective connaturality born of love" - *EG* 125). Ifisser ma naħsbux biss fuq il-ħafna "xogħol tad-dar" imma nkunu kapaċi kuljum nagħżlu s-sehem it-tajjeb billi ninżlu għarkupptejna f'riġlejn il-Mulej nisimgħuh (Lq 10:38-42). Ifisser li jkollna l-ferħ tal-ħarsa tiegħu f'għajnejna, waqt li nżommu ħarsitna fuqu fi djalogu ta' mħabba reċiproka fit-talb (Lhud 12:2).

**Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. 5 Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. 6 Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; mbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu.**
L-insistenza li nibqgħu f'Ġesù hi stedina u kmand fl-istess ħin. Hi stedina li tirrispetta l-libertà u l-għażla ta' mħabba li rridu nagħmlu li nkunu "bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu". Hi kmand għax bl-"iva" tagħna lilU (Lq 1:38), aħna nistqarru li fina u f'ħajjitna qabel kollox irridu li "jitqaddes ismu, tiġi saltnatu u sseħħ ir-rieda tiegħu" (Mt 6,9-10). Dan iseħħ meta nkunu kapaċi nixorbu l-kalċi tiegħu (Mk 10,38), mhux biss dak liturġiku waqt il-quddiesa, imma meta fil-ħajja tagħna kollha kemm hi jkun jgħix fina Kristu u aħna ngħixu fih (Gal 2:20). Hekk inkunu kapaċi ngħoddu kollox bħala telf minħabba Kristu, biex nagħrfu u nirbħu lilu (Fil 3:7-11); inkunu nistgħu nifhmu "x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond l-imħabba ta' Kristu", u "kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf" (Ef 3:18-19).

Dawn il-vrus jagħmluha aktar konxji li aħna nistgħu ma nibqgħux fih, jiġifieri li nistgħu nkunu miegħu imma mhux tiegħu (ara Ġw 6:64). Nistgħu ngħaddu ħafna żmien ma' Ġesù u nibqgħu ma nagħrfuhx u ma nħobbuhx (ara Ġw 14:9). Nistgħu nkunu fi skola u ma nitgħallmux. Nistgħu nkunu f'dar ta' formazzjoni... u ma niġux iffurmati.

**7 Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom. 8 Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.**
Biex aħna nkunu fekondi, irridu nintrabtu dejjem aktar mal-Mulej u mal-Kelma tiegħu. Għalina, din mhix prattika devozzjonali li nagħmlu kull tant waqtiet matul il-ġurnata; ir-relazzjoni ta' mħabba mal-Mulej hi l-essenza ta' ħajjitna, l-ikel tagħna. Il-ħajja tar-ruħ mhix serje ta' mumenti ta' talb imma ħajja ta' mħabba intima li sseħħ fil-"kamra ta' ġewwa" (Mt 6:6), il-kamra tal-imħabba u

tat-tnissil (ara Għan 3:4), fejn nesperjenzaw il-pjaċir tal-preżenza ta' Alla (Prov 8:30-31). Il-ħajja tat-talb tkun awtentika u tagħmel il-frott meta fina jgħammar u jopera l-Ispirtu ta' Alla (Lq 11:13), u meta tidher fina l-istess ħajja ta' Kristu (2 Kor 4:10-12), anke fejn hemm id-dgħajjef (2 Kor 12:9-10).

> *You, dear seminarians, are not preparing for a career to become officials in a company or office. […] You are becoming shepherds in the image of Jesus the Good Shepherd, in order to be like him and to act in His person amid his flock, to feed his sheep.*
>
> *In view of this vocation, we might respond as Mary did to the angel: "How can this be?" (Lk 1:34). Becoming "good shepherds" in the image of Jesus is something too great, and we are too little... It is true! […]; however, it is not our work! It is the work of the Holy Spirit, with our cooperation.* ***It is a matter of humbly offering oneself as clay to be moulded, so that the potter, who is God, may work it with water and fire, with the Word and the Spirit****. It is a matter of entering into what St Paul says: "It is no longer I who live, but Christ who lives in me" (Gal 2:20). Only thus can one be a deacon or priest in the Church, only thus can we feed God's people and guide them, not along our ways but on the way of Jesus; indeed, on the Way that is Jesus. […]*
>
> *And this journey means meditating on the Gospel every day, in order to transmit it by your life and preaching; it means experiencing the mercy of God in the Sacrament of Reconciliation. […] It means nourishing yourselves with faith and love for the Eucharist, in order to nourish the Christian people; it means being men of prayer so as to become the voice of Christ praising the Father and interceding continually for the brethren (cf. Heb 7:25). […] If you — but I say this from the heart, without wishing to give offense — if you, if someone among you is not ready to follow this path, with these attitudes and these experiences, it is better that you have the courage to seek another path. There are many ways in the Church of bearing Christian witness and there are many paths that lead to holiness. In following as a minister of Jesus Christ there is no place for mediocrity, that mediocrity that always leads to using the People of God to one's own advantage.* (Address of Pope Francis to the Community of the Pontifical Leonine College in Anagni, 14 April 2014)